MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tas-16 ta' April, 2010

Talba Numru. 40/2010

**GO plc – C22334**

**vs**

**Cross Design Studio Limited – C11623**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fid-19 ta' Jannar tas-sena 2010 fejn intalab sabiex is-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallasha is-somma ta' erba' mija u tnax-il ewro u wiehed u sittin centezmu (€412.61c) rapprezentanti ammonti li huwa dovuti in konnessjoni mas-servizzi telefonici li ggib in-numri 21495172 u 21482689, kontijiet numri CN 362624, AC 10164790 u AC 10139778, u dana kif jirrizulta minn diversi kontijiet mibghutha u kif ukoll minn dokumenti annessi li qed jigu esebiti u mmarkati Dok "IZY 1" sa "IZY 4", bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta ingunta in subizzjoni

Ra illi fis-seduta tallum zewg rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta li jisimhom Noel Aquilina u Vincent Ellul; fl-ewwel lok taw ruhhom b’ notifikati bl-avviz odjern u fit-tieni lok iddikjaraw illi l-ammont fil-fatt kien dovut minn l-istess socjeta` konvenuta.

It-Tribunal ra wkoll id-dokumenti annessi ma’ l-avviz.

In vista tal-premess ghalhekk it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ it-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallasha s-somma ta’ erba’ mija u tnax-il ewro u wiehed u sittin centezmu (€412.61c) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta’ l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------